MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 216/2003

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Dragon Stoilov**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma kumplessiva ta'elfejn u mitejn u dsatax-il lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm2219.46), in kwantu ghas-somma ta' elfejn, mija u sebgha u erbghin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm2147.46) import ta' sittax (16)–il kambjala annessi mal-avviz u mmarkati Dokumenti 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15 u 16 u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72) bhala imghaxijiet legali mill-konvenut dovuti sad-data tal-avviz fuq din is-somma.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet esebiti in fotokopja minn fol 2 sa fol 9 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-27 ta' Mejju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2219.46,0 bl-imghax legali ulterjuri mit-22 ta' April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

-------------------------------TMIEM-------------------------------